L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAGAR



# Mons. Carmelo Psaila: Assistent Librar u Direttur tal-Libreriji Distrettwali

Joanne Sciberras

L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR

# Mons. Carmelo Psaila: Assistent Librar u Direttur tal-Libreriji Distrettwali

Joanne Sciberras

Pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u
d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, 2023

ISBN: 978-9918-0-0416-4

Drittijiet kollha miżmuma mill-awtur u l-pubblikatur

Koordinatur tal-pubblikazzjoni: George Farrugia

Stampat: Best Print Co. Ltd, il-Qrendi

Dan l-istudju ġie pprezentat fil-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar nhar it-3 ta' Novembru 2021, fl-Università ta' Malta, l-Imsida, organizzata mill-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta.

Ritratt tal-qoxra: Ħajr lil Maria Muscat - Malta Libraries

Is-sit tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università
www.um.edu.mt/arts/malti

## Mons. Carmelo Psaila:
## Assistent Librar u Direttur tal-Libreriji Distrettwali

Bir-raġun kollu Dun Karm jitqies bħala wieħed mill-pilastri tal-letteratura Maltija u ismu x'aktarx li huwa sinonimu mal-kitba tal-versi tal-innu Malti u ma' xogħlijiet kbar bħal 'Il-Jien u Lil Hinn Minnu', 'Non Omnis Moriar', 'Għaliex? – Jedd il-Lsien Malti', 'Waħdi', 'Żagħżugħ ta' Dejjem', 'L-Oqbra' u oħrajn. Madanakollu, ħidmitu bħala Assistent Librar u Direttur tal-Libreriji Distrettwali ta' spiss ninjorawha. Rari nitkellmu dwar Dun Karm l-amministratur, aspett li seta' influwenzah fil-kitba tax-xogħlijiet letterarji tiegħu. Din il-pubblikazzjoni tiffoka sewwasew fuq dan l-aspett x'aktarx minsi ta' Dun Karm billi tiddiskuti numru ta' dokumenti amministrattivi. Ir-riċerka ta' Joanne Sciberras hija bbażata fuq dokumentazzjoni interna ta' Malta Libraries, kif ukoll fuq pubblikazzjonijiet uffiċjali bħalma huma l-Malta Blue Books. Dan ix-xogħol jittratta wkoll l-evoluzzjoni ta' Malta Libraries u l-legat li Mons. Carmelo Psaila, kif kien magħruf fid-dokumenti uffiċjali amministrattivi, ħalla warajh fil-qasam tal-Libreriji f'Malta u Għawdex.

Din hija pubblikazzjoni oħra fis-sensiela ta' pubblikazzjonijiet dwar Dun Karm li qed jippubblika d-Dipartiment tal-Malti fl-Università b'rabta mat-taħditiet li jiġu organizzati kull sentejn bis-sehem tal-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar.

**Dr George Farrugia**
Koordinatur tas-Sensiela

## Mons. Carmelo Psaila: Assistent Librar u Direttur tal-Libreriji Distrettwali

> *"Malta's National Poet and perhaps the island's most significant artist. Surely he is the best interpreter of his country's ancient cultural heritage and identity"*[1]

Hekk jiġi deskritt Dun Karm mill-mibki Professur Oliver Friggieri, f'wieħed mill-istudji letterarji tiegħu fuq il-poeta nazzjonali u l-kontribut tiegħu lejn il-lingwa u l-identità Maltija. Mons. Carmelo Psaila jew aħjar kif inhu magħruf aktar magħna l-Maltin u fid-dinja tal-letteratura Maltija, Dun Karm Psaila, jibqa' msemmi bħala l-Poeta Nazzjonali, b'repertorju ta' xogħlijiet li jirriflettu l-ħsibijiet ta' bniedem reliġjuż, ta' ħassieb u filosofu, ta' soċjologu u ta' patrijott.[2] Minn wara mewtu fl-1961 sal-ġurnata tal-lum, ix-xogħlijiet ta' Dun Karm Psaila ġew ippubblikati u studjati minn diversi akkademiċi Maltin u barranin, tradotti f'lingwi oħra, u inseriti fil-Kurrikulu Nazzjonali. Diversi istituzzjonijiet Maltin u għaqdiet letterarji bħall-Akkademja tal-Malti, jagħtu ġieħ lil Dun Karm f'Jum Dun Karm li jiġi ċċelebrat kull sena f'Ottubru, xahar marbut mat-twelid u l-mewt ta' dan il-personaġġ Malti. Biss filwaqt li

---

1 O. Friggieri, 'Dun Karm, the National Poet: A Lyric Interpretation of Life and Citizenship' f'*World Literature Today* (Winter, 1992), 47, url: https://www.jstor.org/stale/40147855

2 O. Friggieri, *Dun Karm: Il-Poeżiji Miġbura* (Malta, 1980).

nkiteb ħafna fuq Dun Karm il-poeta, ftit li xejn qatt intqal fuq Dun Karm is-civil servant, jew aħjar kif inhi magħrufa llum fid-denominazzjoni ta' uffiċjal pubbliku. Dun Karm, jew kif kien uffiċjalment irreġistrat fil-kotba tal-impjieg mal-Gvern, Mons. Carmelo Psaila, qatta' sittax-il sena jaħdem mal-Gvern, ħmistax-il sena minnhom iddedikati lill-qasam tal-libreriji, fl-uffiċċju tiegħu li kien jinsab fil-Bibljoteka Nazzjonali, il-Belt Valletta. F'din il-binja ġie inawgurat bust f'ġieħ Dun Karm, nhar it-8 ta' Settembru 1964, fejn fid-diskors tiegħu fuq il-Poeta Nazzjonali, Dun Karm Sant jirreferi għal dan il-bust bħala:

> "Din hi l-għajta ta' Dun Karm minn dan il-bronż sieket, xogħol tal-moħħ, il-qalb u d-driegħ Maltin tal-iskultur il-Professur Ġorġ Borg. Hu monument għal Dun Karm iżda wkoll hu xhieda tal-imħabba tat-tfal u żgħażagħ Maltin lejn dan il-poeta Nazzjonali tagħna..."[3]

Dan id-diskors filwaqt li jixhed element eloġistiku u patrijottiku, jonqos milli jagħmel referenza għal dak li wettaq Dun Karm f'xogħlu bħala Assistent Librar f'dik il-binja stess.

Din ir-riċerka u studju li għamilt f'dawn l-aħħar sentejn se jitfgħu ftit dawl fuq l-irwol li kellu Mons. Carmelo Psaila bħala impjegat maċ-Ċivil fid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi. Dan huwa xogħol ibbażat fuq riċerka li ħarġet minn dokumentazzjoni interna ta' Malta Libraries,[4] kif ukoll minn pubblikazzjonijiet

---

[3] K. Sant, 'Il-Poeta Nazzjonali', f'*Leħen il-Malti,* Vol. 8 (1965), 8-12.

[4] Dawn id-dokumenti jikkonsistu f'numru kbir ta' ittri u korrispondenza li nstabet mal-faxxikli jew files interni tad-Dipartiment fi ħdan Malta Libraries. Uħud minn dawn l-ittri nstabu fil-faxxikli tagħhom u għandhom referenza interna bid-data u s-suġġett tal-korrispondenza.

uffiċjali governattivi bħalma huma l-*Gazzetta tal-Gvern* u l-*Malta Blue Books*.[5]

## L-evoluzzjoni tal-Libreriji f'Malta

Biex wieħed jifhem aħjar ix-xogħol li wettaq Dun Karm bħala librar, jeħtieġ li wieħed jifhem x'wassal għat-twaqqif ta' Malta Libraries, l-entità li twaqqfet fl-2011 u li tiġbor fiha l-Bibljoteka Nazzjonali fil-Belt u dik fir-Rabat Għawdex, il-Librerija Pubblika Ċentrali ta' Belt is-Sebħ u dik fir-Rabat Għawdex, 8 Libreriji Reġjonali u 46 libreriji fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

Il-Bibljoteka Nazzjonali twaqqfet bħala librerija pubblika mill-Kavallieri ta' San Ġwann lejn l-aħħar snin tagħhom f'Malta. L-oriġini tal-Librerija jmur lura għas-sena 1555 meta l-kotba kollha mħollija mill-Kavallieri mejtin kellhom jgħaddu għat-Teżor tal-Ordni. Biss kien fis-sena 1649 li kien iffurmat in-nukleu ta' librerija, f'kamra fuq l-oratorju tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Fl-1760 l-Ordni wirtet kollezzjoni ta' valur kbir

[5] Il-*Malta Blue Books* imorru lura għaż-żminijiet tal-Amministrazzjoni Brittanika tas-sekli 19 u 20. L-Imperu Brittaniku stabbilixxa standards għoljin għall-ġbir u d-disponibbiltà ta' informazzjoni fir-rigward ta' diversi aspetti tal-ħajja fil-kolonji tiegħu. Il-volumi jinkludu minjiera ta' statistika dwar il-popolazzjoni; statistika fuq l-importazzjonijiet u esportazzjonijiet; taxxi, dazji u sorsi oħra ta' dħul; proġetti infrastrutturali; nefqa ċivili u militari; edukazzjoni; sptarijiet; is-sistema penali; u l-istatistika tal-klima. Din il-kollezzjoni filwaqt li nsibuha fil-Bibljoteka Nazzjonali, ġiet ukoll diġitizzata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u tinsab disponibbli fuq is-sit tagħhom: https://nso.gov.mt/Home/ABOUT_NSO/Historical_Statistics/Malta_Blue_Books/Pages/Malta-Blue-Books.aspx

mingħand il-Kardinal Joaquin Portocarrero. Din kien fiha 5,570 volum. Ftit snin wara, fl-1766, il-Librerija kompliet tistagħna bil-kollezzjoni ta' 9,700 volum imħollija mill-Balliju Gran Croce tal-Ordni, Fra Louis Guerin de Tencin, li hu meqjus bħala l-fundatur tal-Bibljoteka. Għal xi żmien il-Librerija ssejħet *Bibliotheca Tanseana* b'tifkira tiegħu u b'ħajr lejh. Dawn il-kollezzjonijiet għall-bidu kienu miżmuma fil-bini magħruf bħala *Forfantone* fi Triq ir-Repubblika kantuniera ma' Triq Santa Luċija, iżda malajr deher li kienet meħtieġa binja xierqa biex fiha tilqa' l-librerija l-ġdida. Il-bini tal-librerija l-ġdida fil-qalba tal-Belt ġie approvat b'digriet tal-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni msejjaħ mill-Gran Mastru de Rohan fl-1776. Il-bini tlesta fl-1796.

Dan il-bini ġie inawgurat uffiċjalment nhar l-4 ta' Ġunju tal-1812 minn Sir Hildebrand Oakes, Kummissarju Ċivili u Militari Brittaniku f'Malta. Minn hemm 'il quddiem il-Librerija Pubblika ta' Malta, kif kienet imsejħa dak iż-żmien, baqgħet tikber b'bosta akkwisti ġodda. Fl-1936 il-Librerija ġiet mogħtija l-prefiss "Rjali" mir-Re Ġorġ V. Il-Librerija Rjali ta' Malta ħadet f'idejha l-kustodja tal-Arkivji tal-Ordni ta' San Ġwann li kienu trasferiti mill-bini tar-Reġistru Pubbliku.[6]

Bit-twaqqif tal-Librerija Pubblika ġdida fil-Furjana fl-1974, il-Librerija tal-Belt ġiet magħrufa uffiċjalment bħala l-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta u saret librerija għar-riċerka u referenza biss fl-1976, peress li sa din id-data l-binja kienet tospita wkoll

[6] A.E. Abela & W. Zammit, *A Guide to the National Library of Malta* (Malta, 2000).

il-librerija pubblika fejn wieħed seta' jissellef il-kotba.[7] B'hekk twaqqaf id-Dipartiment tal-Libreriji li eventwalment evolva fl-entità Malta Libraries skont l-Att Nru. VIII dwar il-Libreriji Maltin fl-2011.[8]

Il-perjodu ta' interess għall-iskop ta' dan l-istudju jeħodna mill-1921 sal-1936, iż-żmien ta' kemm Mons. Carmelo Psaila dam jaħdem bħala civil servant fl-irwol ta' Assistent Librar u Direttur tal-Libreriji Distrettwali.

## Mons. Carmelo Psaila: L-Assistent Librar

Monsignor Carmelo Psaila daħal jaħdem mal-Gvern bħala għalliem mar-Religious Instruction Training School fl-1 t'Ottubru 1920 u dam hemm sal-aħħar ta' Mejju 1921. Huwa beda l-karriera tiegħu fil-qasam tal-libreriji fl-1 ta' Ġunju 1921 fejn baqa' jokkupa din il-kariga sakemm irtira bil-pensjoni fl-1936. Fl-1924 huwa wkoll ingħata l-kariga ta' Direttur tal-Libreriji Distrettwali jew kif kienu magħrufa dak iż-żmien is-*Circulating Libraries.*

---

7 Fil-fatt l-idea li tkun stabbilita librerija pubblika tmur lura għall-1806, meta kien iffurmat l-ewwel kumitat tal-librerija. Il-Librerija Pubblika oriġinarjament kienet topera mill-bini tal-Bibljoteka Nazzjonali biex b'hekk f'din il-binja storika wieħed kien isib kemm Librerija għar-Referenza u kemm Librerija għas-self ta' kotba. Membri tal-pubbliku setgħu jissellfu tliet kotba wara li jħallsu miżata bil-quddiem. Kien biss fl-1856 li s-self tal-kotba sar kompletament mingħajr ħlas, biss il-ħinijiet tal-ftuħ kienu biss siegħa filgħodu u siegħa waranofsinhar.

8 L-Att sħiħ dwar Malta Libraries huwa disponibbli hawnhekk: https://legislation.mt/eli/cap/511/eng/pdf

Meta Mons. Carmelo Psaila nħatar Assistent Librar, il-Libreriji Pubbliċi kienu jagħmlu parti mid-Dipartiment tal-Istruzzjoni Pubblika, dak li maż-żmien sar magħruf bħala d-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Skont l-informazzjoni meħuda mill-Blue Books tal-1921 u l-1922, meta ġie impjegat f'Ġunju tal-1921, Mons. Carmelo Psaila kellu paga ta' £150 fis-sena.[9] Id-Dipartiment kien magħmul mil-Librar, Assistent Librar, Kittieba, Messaġġier tal-Kotba, Legatur u *Book Cleaner.* Għawdex kien hemm Librar u Messaġġier. Il-post ta' Librar u Kap tal-Istituzzjoni kien vakanti għax il-Prof. Enrico Magri okkupa din il-kariga bejn l-1885 u l-1920. Il-kariga ta' Librar baqgħet vakanti sakemm ġie maħtur Sir Hannibal Scicluna bħala Librar fl-1923. Hannibal Scicluna baqa' l-Prinċipal ta' Dun Karm sakemm dan tal-aħħar irtira fl-1936.

Il-kariga ta' Assistent Librar kienet iġġorr kemm funzjoni teknika fil-qasam tal-libreriji, kif ukoll rwol amministrattiv qawwi. Fost ir-responsabbiltajiet ta' dan l-irwol, wieħed jista' jsemmi x-xiri ta' kotba, gazzetti, rivisti u perjodiċi għal-librerija, il-kumpilazzjoni tal-inventarju tal-kotba kif ukoll il-kumpilazzjoni tax-*sheaf* u *card cataloguing system.* Jidher li Dun Karm kien ukoll jieħu ħsieb l-Admission Tickets jew biljetti tad-dħul għas-subien taħt is-sittax-il sena. Parti mix-xogħol ta' Assistent Librar kienet tikkonsisti f'għajnuna lir-riċerkaturi u lil dawk il-membri tal-pubbliku li kienu jiġu l-Bibljoteka tal-Belt biex jissellfu xi kotba. Dan joħroġ biċ-ċar fil-minuti tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Liberiji tat-28 ta' Settembru 1926, fejn ġie diskuss kif ċertu xogħol li kien jagħmel Dun Karm fir-rwol tiegħu ta' Assistent Librar seta' jiġi ridistribwit qalb l-impjegati l-oħra, biex b'hekk Dun Karm

[9] Ara *Malta Blue Books* 1921 u 1922.

kien ikun jista' jiffoka iktar fuq ix-xogħol tiegħu ta' Direttur tal-Libreriji Distrettwali.[10] Dan il-Kumitat inħatar fl-1831 b'digriet tal-Gvernatur Logutenent.[11] Huwa kien ikun immexxi mill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika u kien responsabbli minn kull ħatra u kull deċiżjoni amministrattiva fi ħdan il-Libreriji Pubbliċi. Dan il-kumitat kien japprova ħatriet ġodda, it-talbiet għal xiri ta' kotba ġodda kif ukoll l-estimi finanzjarji tal-libreriji, qabel dawn ma jiġu approvati mill-Ministeru tal-Finanzi. Mons. Carmelo Psaila nħatar membru fuq dan il-Kumitat f'Jannar tal-1925 meta ħa l-kariga ta' Direttur tal-Libreriji Distrettwali.[12]

Bħala Assistent Librar, Dun Karm kien jaħdem id f'id mal-Librar Hannibal Scicluna u għalhekk, din il-kariga għolja kienet ukoll tirrikjedi ħafna xogħol amministrattiv. Dun Karm kellu rwol attiv ħafna fil-preparazzjoni tal-estimi finanzjarji li kienu jsiru kull sena, kif ukoll fil-preparazzjoni taċ-ċifri tad-dħul u tan-nefqa kurrenti li kienu jiġu ppubblikati fil-Blue Books. Dawn il-figuri kienu jinkludu n-nefqa fuq salarji kif ukoll dik għax-xiri ta' kotba u perjodiċi. Peress li Dun Karm kien inkarigat mix-xiri ta' kotba, sikwit insibu dokumenti li jixhdu dan. Wieħed

[10] Ara l-Minuti tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Libreriji Pubblika li jinsabu f'Volum 95 li jkopri s-snin 1923-1937 u jagħmel parti mill-Arkivju Intern tal-Bibljoteka Nazzjonali magħruf bħala NLM, Vol. 95 *Minutes of Proceedings of the Committee of Management of the Malta Public Library (from the 24th August 1923 to the 29th October 1937).*

[11] Din il-ħatra dehret bħala Government Notice fil-*Malta Government Gazzette* tad-9 ta' Marzu 1931. Din in-notifika ssemmi lill-Arċisqof ta' Malta bħala l-President ta' dan il-Kumitat. Maż-żmien ikun il-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika li jinħatar President jew Chairman tal-Kumitat.

[12] Ara l-korrispondenza bejn il-Librar Hannibal Scicluna u l-Ministru tal-Edukazzjoni Enrico Dandria fil-faxxiklu dipartimentali tal-Ministeru tal-Istruzzjoni Pubblika, 23 ta' Ottubru 1924, MPI 778/24.

jista' jsemmi l-eżempju ta' ittra uffiċjali li Dun Karm kiteb lit-Teżorier fid-29 ta' Diċembru 1924, biex jinħareġ pagament ta' lit 516,50[13] lil ċertu Salvatore Romano li kien il-pubblikatur tal-*Archivio Storico Napoletano* u *Diario Napoletano* liema volumi kienu nxtraw mil-Librerija.[14] Barra minn hekk, Dun Karm kien ukoll ikollu korrispondenza mal-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika, fejn kien jagħmel it-talba uffiċjali taż-żieda fis-salarju tal-Impjegati tal-Librerija.[15] Peress li r-rwol tal-Assistent Librar kien wieħed maniġerjali, dan kien jirrikjedi li meta l-Librar kien ikun indispost, Dun Karm kien jinħatar *Acting Librarian* minflok Hannibal Scicluna għal perjodu stipulat. Dan kien jiġri meta l-Librar kien ikun marid jew kien ikun ħa xi ġurnata jew iktar frank. Wieħed jista' jsemmi l-eżempju ta' meta Sir Hannibal Scicluna ħa erbgħin ġurnata frank li kienu jibdew mit-8 t'Awwissu 1933, u rrakkomanda lill-Ministru biex jaħtar lil Dun Karm bħala Librar sakemm hu jkun assenti mill-post tax-xogħol.[16] Din it-talba kienet ġiet milqugħa mill-Ministru Enrico Mizzi fit-8 ta' Settembru u nħarġet *Government Notice* fil-Gazzetta tal-Gvern.[17]

---

13 Lit. huwa s-simbolu li jien jintuża biex jirreferi għal-Lira li kienet il-munita tal-Italja bejn l-1861 u l-2002.

14 K. Psaila lil S. Romano, 29 ta' Diċembru 1924, Libr. 1481/24.

15 K Psaila lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika, 29 ta' Settembru 1926, MPI 671/26.

16 H. Scicluna lil E. Mizzi, 2 t'Awwissu 1933, MPI 673/33.

17 Avviż tal-Gvern Nru. 309 fil-*Malta Government Gazzette*, 11 t'Awwissu 1933, 630.

**Mons. Carmelo Psaila – Direttur tal-Libreriji Distrettwali**

Kien fl-1920, il-Professur Temi Zammit u l-Maġġur Henry Balbi wettqu studju dwar il-possibilità ta' twaqqif ta' libreriji żgħar fl-irħula. L-idea wara dan il-proġett kienet biex tagħmilha possibbli li l-qarrejja jkollhom il-kotba qrib tagħhom. Ir-rapport sussegwenti wassal għall-ftuħ ta' seba' Libreriji Distrettwali li bdew joperaw minn skejjel elementari tal-gvern. Dawn il-libreriji kienu jinsabu Bormla, iż-Żejtun, iż-Żurrieq, is-Siġġiewi, il-Mosta, Birkirkara u Ħal Qormi. Huma kienu jiftħu biss is-Sibt waranofsinhar.

L-iżvilupp ta' dawn il-libreriji wassal biex inħolqot il-pożizzjoni ta' Direttur tal-Libreriji Distrettwali, pożizzjoni li okkupa Mons. Carmelo Psaila mill-1924 sal-1936.[18] Din kienet kariga importanti fejn Dun Karm ħadem qatigħ biex itejjeb is-sitwazzjoni tal-Libreriji Distrettwali u jkompli jestendi dan is-servizz f'lokalitajiet oħra. Dan joħroġ biċ-ċar fl-ewwel rapport li Dun Karm għamel dwar il-Libreriji Distrettwali fl-1924 u 1925, liema rapport kien ippreżentat lill-Kumitat tat-Tmexxija tal-Libreriji fit-23 ta' Settembru 1925.[19] F'dan ir-rapport huwa jagħti ħarsa lejn l-oriġini u t-twaqqif ta' dawn il-libreriji, l-evoluzzjoni tagħhom mill-1920 sal-1923, il-problemi u l-isfidi kbar li kienu qegħdin jaffaċċjaw dawn il-libreriji u pjan ta' azzjoni għat-titjib ta' dan is-servizz.

---

[18] Ara faxxiklu MPI 778/24, 23 t'Ottubru 1924, fejn il-Ministru Dr Enrico Dingli approva l-ħatra ta' Dun Karm bħala Direttur tal-Libreriji Distrettwali mill-1 t'April 1924.

[19] K. Psaila, *Report on the District Libraries at the end of the Financial Year 1924-25,* 23 ta' Settembru 1925 (mhux ippubblikat).

Fir-rapport tiegħu Dun Karm jippreżenta tabella li kienet turi l-ammont ta' kotba u perjodiċi li sab f'kull librerija, hekk kif imsemmi hawn taħt:

| **Raħal** | **Kotba** | **Perjodiċi** |
|---|---|---|
| Bormla | 132 | 12 |
| Iż-Żejtun | 43 | 36 |
| Iż-Żurrieq | 47 | 18 |
| Is-Siġġiewi | 42 | 6 |
| Il-Mosta | 52 | 19 |
| Birkirkara | 45 | 9 |
| Ħal Qormi | 50 | 45 |

Tabella 1: Figuri li juru s-self tal-kotba fil-Libreriji Distrettwali meħuda mir-Rapport ta' Dun Karm fuq il-Libreriji Distrettwali 1924-25

Huwa jgħid li kull lokalità kienet tospita l-librerija fl-iskola primarja tal-lokalità. Kull librerija kienet immexxija minn *sub-librarian* magħżul minn fost l-għalliema tad-distrett li fih kienet tinsab il-librerija. Ħafna mill-kotba mill-kollezzjonijiet oriġinali ta' dawn il-libreriji kienu donazzjonijiet minn membri tal-kleru u minn membri ta' dik il-lokalità. Huwa jagħmel enfasi kbira fuq l-importanza tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi li kienu jħeġġu lin-nies biex jużaw dawn il-libreriji anke permezz tal-Avviżi tal-Parroċċa.

Fir-rapport tiegħu Dun Karm jgħid li meta ngħata l-kariga ta' Direttur tal-Libreriji Distrettwali fl-1 t'April 1924, dawn kienu diġà popolari ħafna tant li l-allokazzjoni ta' fondi fl-estimi ġenerali għal dawn il-libreriji telgħet minn £100 fis-sena għal

£300 fis-sena bil-għan li jinfetħu ċentri oħra.[20] Dun Karm jgħid li wara li żar kull librerija huwa sab diversi nuqqasijiet li kellhom jiġu indirizzati. Huwa jgħid li ħafna mill-kotba tal-kollezzjoni kienu fi stat ħażin u riedu jinbidlu għax ma kinux tajbin għas-self. Barra minn hekk, ir-reġistri tal-inventarju tal-kotba kienu jinżammu b'mod differenti f'kull librerija. Huwa jgħid ukoll li kien hemm nuqqas ta' *sub-librarians* biex imexxu dawn iċ-ċentri u li kien hemm ħtieġa kbira li jiġu ingaġġati oħrajn.

Huwa jkompli jgħid li ħa azzjoni mill-ewwel biex jindirizza dawn l-isfidi. Fir-rapport isemmi li ta widen għal eżerċizzju ta' tindif u tiswija ta' kotba fejn il-kotba u l-perjodiċi mqattgħin tneħħew miċ-ċirkolazzjoni. Huwa daħħal sistema ta' klassifikazzjoni tal-kotba skont is-suġġett, magħrufa bħala d-*Dewey Classification System.*[21] Huwa kabbar il-kollezzjonijiet fil-libreriji tar-Rabat, Raħal Ġdid u Ħal Luqa tant li f'Novembru tal-1924, il-Kumitat tat-Tmexxija ta' dawn il-libreriji approva li jsiru Libreriji Friegħi jew *Branch Libraries.*[22] Taħt it-tmexxija ta' Dun Karm il-libreriji żdiedu għal 11 u Dun Karm ħadem ħafna biex l-għażla tal-kotba tkun tvarja skont il-lokalità bil-għan li tilħaq il-gosti ta' kulħadd. Huwa kompla jżid il-kollezzjonijiet f'kull librerija tant li fl-aħħar

---

[20] *Malta Blue Book* 1924.

[21] Id-*Dewey Classification System* (Il-Klassifikazzjoni Deċimali Dewey, DDC), magħrufa b'mod kollokwali bħala s-Sistema Deċimali Dewey, hija sistema ta' klassifikazzjoni tal-librerija li tippermetti li jiżdiedu kotba ġodda ma' librerija kklassifikati skont is-suġġett. Ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-Istati Uniti minn Melvil Dewey fl-1876 u għadha tintuża sal-ġurnata tal-lum.

[22] H. Scicluna lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika, 26 ta' Novembru 1924. MPI 875/24.

tas-sena 1925, kien hemm total ta' 3511 ktieb b'kollox f'dawn il-libreriji u s-self tela' għal 9839 ktieb fis-sena.

### Il-Libreriji fl-Iskejjel u l-Librara

It-twaqqif tal-Libreriji Distrettwali u l-iżvilupp tagħhom taħt it-tmexxija ta' Dun Karm Psaila tant saru popolari li bosta lokalitajiet f'Malta u Għawdex, fejn ma kienx hemm libreriја, bdew jaraw x'jagħmlu biex joħolqu xi ħaġa simili u b'hekk huma wkoll ikunu jistgħu jħajru n-nies tal-lokal, speċjalment it-tfal tal-iskola biex jitgħallmu jaqraw u jagħmlu użu mis-servizz ta' self ta' kotba li kienu joffru dawn il-libreriji. Dan wassal biex ġewwa l-iskejjel jibdew jitwaqqfu dawk li kienu jissejħu *school circulating libraries* kemm fl-iskejjel elementari kif ukoll fis-Central Schools. Dawn tal-aħħar kienu skejjel imnedija f'Ottubru 1923, bil-għan li jipprovdu kors fil-livell tas-sekondarja għal dawk l-istudenti li xtaqu jsiru għalliema. Dawn l-istudenti kellhom jieħdu kors ta' tliet snin. Din is-sistema ġdida tar-reklutaġġ tal-għalliema kienet ibbażata fuq il-premessa li t-taħriġ kellu jibda qabel u mhux wara li għalliem jissieħeb mid-Dipartiment tal-Istruzzjoni Pubblika, u li fuq kollox, għalliem, fdat bl-edukazzjoni ta' tant tfal, kellu jkollu aktar minn sempliċi edukazzjoni elementari.[23]

Korrispondenza bejn Dun Karm u Dr A. V. Laferla, Direttur tal-Iskejjel Elementari, turi l-entużjażmu ta' Dott. Laferla biex

[23] J. Abela, 'A.V. Laferla and education: a post-colonial approach' f'R. G. Sultana (ed.), *Yesterday's schools: readings in Maltese educational history* (Malta, 2017), 204.

jiftaħ libreriji ġewwa s-Central Schools u l-Iskejjel Elementari.[24] Kien Dun Karm innifsu li, fl-24 ta' Settembru 1930, kiteb lil Dr Laferla biex jinfurmah li għandu biżżejjed fondi biex jinfetħu libreriji żgħar f'dawn is-Central Schools li kienu jinsabu l-Belt, il-Ħamrun, Raħal Ġdid u l-Imrieħel. F'din l-ittra, wieħed jinnota l-mod professjonali li bih Dun Karm kien iwettaq l-irwol tiegħu bħala Direttur tal-Libreriji Distrettwali. Fil-fatt huwa jgħid lil Laferla li biex jitwettaq dan il-pjan kellu bżonn ta' ħafna informazzjoni li kienet tinkludi:

a) L-ismijiet tal-għalliema jew il-Kapijiet tal-Iskejjel li ġew maħtura bħala *sub-librarians*
b) Dettalji dwar l-ixkaffar jew *bookcases* fejn kellhom jitpoġġew il-kotba
c) l-aħjar mod jew mezz kif setgħu jinġarru l-kotba mill-Bibljoteka tal-Belt għal dawn l-iskejjel
d) lista ta' kotba għal kull skola li kellha tkun ibbażata fuq il-bżonnijiet tal-għalliema u l-istudenti f'dik l-iskola partikolari.

Dun Karm issuġġerixxa wkoll li ssir laqgħa bejnu u bejn is-*sub-librarians* il-ġodda biex jispjegalhom il-proċess ħalli l-libreriji kollha jkunu jaħdmu b'mod uniformi.[25]

Fl-20 t'Ottubru tal-1930, Laferla għadda lil Dun Karm lista ta' kotba mfassla mill-Bord tas-Central Schools għall-approvazzjoni tiegħu. Fl-istess ittra, Laferla għamel ukoll talba biex tinfetaħ

---

24 Libr. 1784/28.
25 Dun Karm lil A.V. Laferla, 24 ta' Settembru 1930, f'Libr. 1784/28.

librerija oħra fil-Higher Central School ġewwa l-Ħamrun.[26] Fit-tweġiba tiegħu, Dun Karm tenna li l-lista ta' kotba kienet tinkludi xogħlijiet li jiswew ħafna flus u li kien se jara kif jagħmel biex dawn il-kotba jkunu jistgħu jkunu disponibbli fuq l-ixkaffar tal-libreriji ġewwa dawn l-iskejjel. Dun Karm aċċetta wkoll it-talba għal-libreriji fl-iskola tal-Ħamrun u qal lil Laferla li din setgħet titwaqqaf fis-sena finanzjarja li jmiss.[27]

Dawn il-libreriji ġodda flimkien mal-libreriji distrettwali ma setgħux jiffunzjonaw mingħajr il-librara jew kif kienu magħrufa aħjar bħala *sub-librarians.* Dawn il-librara kienu jiġu ingaġġati minn fost l-għalliema tal-iskejjel tal-lokal u l-ħatra riedet tkun approvata mill-Kumitat tat-Tmexxija tal-Libreriji. Wieħed jista' jagħti l-eżempju tas-Sinjorina M. A. Buhagiar, għalliema fl-iskola ta' Birkirkara, li ntgħażlet biex taqdi d-dmirijiet ta' *sub-librarian* fil-librerija tal-istess skola f'Ottubru tal-1925. Fil-fatt fid-19 t'Ottubru 1928, Dun Karm fir-rwol tiegħu ta' Direttur tal-Libreriji Distrettwali, informa lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika, li s-Sinjorina Buhagiar ġiet appuntata bħala *sub-librarian* u l-Kumitat tat-Tmexxija kien approva din il-ħatra fis-seduta tat-30 ta' Ġunju tal-istess sena.[28] Kull *sub-librarian* kien intitolat għar-remunerazzjoni ta' £9 fis-sena, liema salarju kien ikun imniżżel fl-estimi finanzjarji tal-Libreriji Pubbliċi kull sena.[29] Meta kien ikun hemm xi librar jew librara li jirriżenjaw mill-kariga, Dun Karm kien ifittex jara x'jagħmel biex dik il-pożizzjoni

---

[26] A.V. Laferla lil Dun Karm, 20 t'Ottubru 1930, 389/30 f'Libr. 1784/28.

[27] Dun Karm lil A.V. Laferla, 23 t'Ottubru 1930, f'Libr. 1784/28.

[28] Dun Karm lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika, 19 t'Ottubru 1925, Libr. 129/25.

[29] H. Scicluna lit-Teżorier, 21 ta' Novembru 1934.

ma tibqax vakanti għax inkella l-librerija f'dik il-lokalità jew skola partikolari kien ikollha tinżamm magħluqa. Meta f'Ottubru tal-1925, ċertu John Cilia laħaq Kap tal-iskola tax-Xewkija ġewwa Għawdex, huwa kellu jirriżenja minn *sub-librarian* taż-Żebbuġ. Mill-ewwel, Dun Karm appunta lis-Sur Carmelo Borg, għalliem tal-Grade 1 fl-iskola taż-Żebbuġ stess, biex jieħu ħsieb il-librerija temporanjament. Huwa informa lill-Ministru li s-Sur Borg kien se jibqa' jieħu ħsieb il-librerija taż-Żebbuġ sakemm jinħatar *sub-librarian* ġdid.[30]

Fir-rwol tiegħu ta' Direttur tal-Libreriji Distrettwali, tispikka d-dedikazzjoni li Dun Karm kellu lejn dan ix-xogħol u l-entużjażmu biex iwettaq xogħlu bl-aħjar mod possibbli bil-għan li jtejjeb is-servizz offrut f'dawn il-libreriji mferrxin fl-irħula Maltin u Għawdxin. Biex iwettaq dan il-għan, huwa kien ta' spiss idur il-libreriji u jispezzjonahom biex jara jekk il-librara kinux qed iwettqu xogħolhom sew u biex jiżgura li l-kollezzjoni kienet qed tinżamm kif suppost. Xhieda ta' dan hija l-korrispondenza bejn Dun Karm u bosta librara dwar ktieb li deher li sparixxa minn fuq l-ixkafef tal-libreriji distrettwali. Ittra indirizzata lil-librar ta' Ħal Luqa turina kif Dun Karm kien ilu xhur jikteb lil-librara tal-Libreriji Distrettwali biex jipprova jsib il-ktieb bit-titlu *Il Fiore del Deserto*[31] li jidher li kien mitluf.[32] Fit-tweġiba tiegħu lil Dun Karm, is-Sur Benjamin Caruana, il-librar

---

[30] Dun Karm lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika, 23 t'Ottubru 1925, Libr. 133/25.

[31] *Il Fiore del Deserto* kien ktieb miktub mill-awtur Taljan Alfredo Ferrero, ippubblikat għall-ewwel darba fl-1897. Il-ktieb jirrakkonta l-avventuri ta' żewġt irġiel, wieħed Taljan u l-ieħor Ġermaniż, fl-Afrika tal-Lvant.

[32] Dun Karm lil-librar tal-Librerija Distrettwali ta' Ħal Luqa, 18 ta' Settembru 1931, Libr. 1784/28.

li kien jieħu ħsieb il-librerija ta' Ħal Luqa, spjega kif fil-fatt dan il-ktieb kien ġie rritornat fil-librerija imma eżatt wara ttieħed mil-librerija ta' Raħal Ġdid bħala parti minn sistema ta' tpartit ta' kotba (*interchange of books)* bejn il-librerija ta' Ħal Luqa u dik ta' Raħal Ġdid.[33] Dun Karm ma qatax qalbu u l-investigazzjoni daret fuq il-librerija ta' Raħal Ġdid. Fil-fatt fil-5 ta' Novembru kiteb lis-*sub-librarian* ta' din il-librerija biex iċanfru talli l-kotba fil-kollezzjoni ma kinux miżmuma sew u kellhom paġni neqsin u l-qoxra mqattgħa. Fl-istess ittra huwa talbu jagħti spjegazzjoni għalfejn il-ktieb kien nieqes mil-librerija. Dun Karm ħeġġeġ lil dan il-librar biex ifittex ġewwa r-reġistri ħalli jara dan il-ktieb lil min kien ġie misluf l-aħħar.[34] Kif spiċċat l-istorja u jekk il-ktieb *Il Fiore del Deserto* kienx instab ħadd ma jaf, iżda li hu fiċ-ċert hu li din il-korrispondenza turi kemm Dun Karm kien jifli bir-reqqa x-xogħol ta' dawn is-*sub-librarians* u kemm kien jaħdem u jistinka biex itejjeb is-servizz fil-Libreriji Distrettwali.

Dan ix-xogħol il-ġdid ħoloq sfidi ġodda għal Dun Karm hekk kif beda jħoss il-piż taż-żewġ karigi li kien jokkupa. Dun Karm beda jsibha diffiċli biex jaqdi dmirijietu bħala Assistent Librar u bħala Direttur tal-Libreriji Distrettwali fl-istess ħin. Fit-30 ta' Ġunju 1926 huwa għamel talba quddiem il-Kumitat Amministrattiv biex ikollu l-għajnuna ta' *permanent writer* biex hu jkun jista' jiffoka aktar fuq ix-xogħol tiegħu bħala Direttur tal-Libreriji Distrettwali. Fil-25 ta' Settembru ta' dik is-sena ngħata raġun hekk kif il-Kumitat iddikjara:

---

33 Il-librar tal-Librerija Distrettwali lil Dun Karm Psaila, 24 ta' Settembru 1931, Libr. 1784/28.

34 Dun Karm lil-librar tal-Librerija Distrettwali ta' Raħal Ġdid, 5 ta' Novembru 1931, Libr. 1784/2.

> *'the Committee of Management have agreed that a. the Assistant Librarian and Director of Circulating Libraries is evidently burdened with much more work than he can possibly cope with and that b. most of the Research Work done by the Librarian should not be considered as forming part of his duties.'*[35]

Għalkemm dan wassal biex ħafna mix-xogħol li Dun Karm kien jagħmel bħala Assistent Librar jiġi ridistribwit mal-ħaddiema l-oħra, Dun Karm xorta ħass li dan ma kienx biżżejjed, speċjalment minħabba l-fatt li għall-bidu s-salarju ma kienx adegwat għall-karigi li kien jokkupa. Mal-ħatra tiegħu bħala Direttur fl-1924, is-salarju annwali ta' Dun Karm żdied b'£20. Din iż-żieda kienet ingħatat bħala allowance u għalhekk ma kinitx pensjonabbli. Dun Karm ma kienx kuntent b'dawn it-tip ta' kundizzjonijiet u għalhekk fid-29 ta' Mejju 1931, huwa għamel talba biex is-salarju tiegħu ta' Assistent Librar jiġi amalgamat ma' dak ta' Direttur tal-Libreriji Distrettwali u talab ukoll biex ikun intitolat għall-pensjoni. Din it-talba ġiet approvata fit-22 t'April 1932, hekk kif ir-remunerazzjoni li Dun Karm kien jaqla' għar-rwol tiegħu ta' Direttur ġiet amalgamata mal-paga għal total ta' £230 fis-sena.[36]

## Monsignor Carmelo Psaila: L-impjegat

Fid-dokumentazzjoni interna u korrispondenza uffiċjali fi ħdan Malta Libraries li tirrigwarda lil Dun Karm, wieħed isib ukoll ħafna informazzjoni dwar il-ħajja ta' Dun Karm bħala impjegat tal-Gvern. Bħala civil servant Dun Karm bħal kull impjegat

[35] Laqgħa tal-Kumitat tal-25 ta' Settembru 1936, f'NLM, Vol. 95.
[36] H. Scicluna lit-Teżorier, 22 t'April 1932.

ieħor kien jagħmel parti minn sistema amministrattiva fi żmien Kolonjali, fejn l-uffiċjali għolja fiċ-Ċivil dejjem urew reżistenza għal kull forma ta' riforma u kienu jħaddnu element qawwi burokratiku.[37] Iċ-Ċivil kellu r-regoli u l-burokraziji tiegħu u kien id-dmir ta' Dun Karm bħala impjegat li jimxi ma' dawn ir-regoli u jbaxxi rasu għall-ordnijiet li jiġu mingħand is-superjuri tiegħu.

Il-kodiċi taċ-Ċivil tal-lum, magħrufa bħala l-PSMC (Public Service Management Code), tesiġi li impjegat għandu jikseb permess mingħand id-Direttur tiegħu u mingħand is-Segretarju Permanenti qabel ma jaċċetta xogħol part-time li jista' joħloq kunflitt ta' interess.[38] Din il-proċedura kienet diġà titħaddem fit-tletinijiet tas-seklu għoxrin, meta Dun Karm kien ukoll eżaminatur tal-Letteratura Taljana fl-Università ta' Malta. Biex seta' jagħmel dan ix-xogħol, huwa kellu jġib permess mingħand il-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika u wara li jingħata dan il-permess, id-dikjarazzjoni tas-salarju tiegħu, maħruġa mill-Università ta' Malta, kienet tiġi wkoll ippubblikata fil-Blue Books bħala introjtu addizzjonali.[39] L-istess proċedura kienet ittieħdet meta Dun Karm kien ġie appuntat bħala membru f'Kumitat maħtur mill-Isqof f'April tal-1925. Dan il-kumitat kien ġie maħtur biex imexxi xi tiswijiet fil-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat. Din id-darba biex Dun Karm seta' jwettaq dan ix-xogħol, kien

---

37 G. A. Pirotta, *The Maltese Public Service 1800-1940: The Administrative Politics of a Micro-State* (Malta, 1996).

38 Uffiċċju tal-Prim Ministru, *Public Service Management Code* (Malta, 2022), 72.

39 Dikjarazzjoni uffiċjali mill-Università ta' Malta għall-Pubblikazzjoni fil-*Blue Book* tal-1933, datata 10 ta' Jannar 1933. Id-dikjarazzjoni tgħid li fis-sena finanzjarja 1931-32, Dun Karm irċieva £16.13 għas-servizz tiegħu bħala eżaminatur tal-Letteratura Taljana.

jeħtieġ mhux biss il-barka tal-Isqof iżda anke dik tal-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika.[40]

Biex wieħed japplika għall-*vacation leave*, il-proċess ukoll kien naqra twil. Meta Dun Karm ried jieħu tlettax-il ġurnata frank fl-1928, li kellhom jibdew fis-17 ta' Lulju, huwa ried l-ewwel jimla l-applikazzjoni tal-leave, xi ħaġa li għamel fid-9 ta' Lulju. Din l-applikazzjoni ġiet approvata mil-Librar Hannibal Scicluna fl-10 ta' Lulju 1928 u wara ntbagħtet l-Uffiċċju tal-Istruzzjoni Pubblika fejn ġiet approvata mill-Ministru fil-11 ta' Lulju. L-applikazzjoni fiha nota wkoll mingħand il-Librar fejn jgħid li Dun Karm reġa' lura għax-xogħol fl-1 t'Awwissu 1928.[41] L-istess proċess insibuh f'applikazzjoni oħra għal 28 ġurnata frank f'Awwissu tal-1932.[42]

Il-faxxiklu dipartimentali Libr. 73/36 juri l-proċess kollu burokratiku assoċjat mal-irtirar ta' Dun Karm u t-talba tiegħu għall-pensjoni. Kien fit-23 ta' Settembru 1936 meta Dun Karm kiteb lil-Librar Hannibal Scicluna fejn talbu biex jikkunsidra t-talba tiegħu biex jirtira bil-pensjoni fis-17 t'Ottubru 1936, hekk kif jagħlaq il-65 sena.[43] Din it-talba ġiet milqugħa mil-Librar Hannibal Scicluna fid-29 ta' Settembru 1936 u ntbagħtet it-Teżor għall-approvazzjoni. Il-Gvernatur approva li Dun Karm jingħata pensjoni ta' £58.15.7 fis-sena.

---

40 C. Psaila lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika, 7 t'April 1925, P92/25.

41 K. Psaila, Applikazzjoni għall-*Vacation Leave,* 9 ta' Lulju 1928, MPI 395/28.

42 Ara l-faxxiklu Lib. 56/32.

43 K. Psaila lil H. Scicluna, 23 ta' Settembru 1936, Libr. 73/36.

Aneddotu ieħor dwar il-ħajja ta' Dun Karm bħala civil servant jeħodna għas-sena 1925, meta Dun Karm kien għaddej bil-proċess ta' riforma u titjib tal-Libreriji Distrettwali. Bħala parti minn din ir-riforma, huwa ried li kull librerija f'Malta tuża l-istess formularju għall-inventarju tal-kotba. Għalhekk f'April tal-1925 ressaq it-talba biex jiġu stampati formoli ġodda għall-inventarju tal-kotba fil-Libreriji Distrettwali.[44] Din it-talba għall-ewwel ma ġietx milqugħa mill-Ministru għaliex ma rax raġuni valida biex jitwaqqaf il-formularju l-antik u jintefqu l-flus għall-istampar ta' wieħed ġdid. Kien biss wara spjegazzjoni aktar dettaljata minn Hannibal Scicluna dwar l-importanza ta' dan il-formularju ġdid li t-talba ta' Dun Karm intlaqgħet u dawn il-formoli setgħu jiġu stampati.[45]

## Konklużjoni

Il-ħmistax-il sena ta' ħidma ta' Dun Karm fis-settur tal-libreriji taw il-frott u dan jidher fil-legat li ħalla warajh speċjalment fil-qasam tal-Libreriji Distrettwali. Meta Dun Karm laħaq Direttur ta' dawn il-libreriji fl-1924, huwa fetaħ triq li matul il-mixja tas-snin żviluppat fis-sħiħ biex kibret f'servizz edukattiv ferm organizzat u ferm utli għall-poplu Malti u Għawdxi. Fl-1964, pjan ta' żvilupp mifrux fuq 4-5 snin wassal għat-twaqqif ta' Servizz ta' Librerija Pubblika u ta' Servizz ta' Librerija tal-Iskejjel. Sal-1968 in-numru ta' Libreriji Distrettwali kien ilaħħaq is-47.

---

[44] K. Psaila lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika, 4 t'April 1925, Libr. 97/25.

[45] H. Scicluna lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika, 7 t'April 1925, MPI 263/25.

Fil-preżent insibu 7 Libreriji Reġjonali u 47 Librerija Fergħa madwar Malta u Għawdex.[46] Dawn kollha joperaw jew mill-iskejjel tal-gvern jew mill-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali. Dawn il-libreriji fil-lokalitajiet twaqqfu biex jakkomodaw b'mod aħjar ir-residenti tal-lokalità, u jżidu kuxjenza edukattiva u kulturali fil-qalba tar-raħal u speċjalment biex jinkoraġġixxu l-qari. Is-suċċess ta' dawn il-libreriji friegħi u reġjonali joħroġ mill-istatistika li tinġabar kull sena dwar is-self ta' kotba. Fis-sena 2021 issellfu total ta' 621,202 ktieb u 40,900 eBook.[47] Dawn huma ċifri li filwaqt li juru biċ-ċar kemm għadhom popolari l-Libreriji Pubbliċi fil-gżejjer Maltin, fil-kuntest ta' dan l-istudju jirriflettu indirettament ix-xogħol li kien għamel Dun Karm f'dan is-settur biex itejjeb il-kollezzjonijiet u s-servizz tal-Libreriji Distrettwali.

Illum il-Bibljoteka Nazzjonali tħaddan b'għożża kull oġġett jew dokument marbut ma' Dun Karm, fosthom l-iskrivanija ta' Dun Karm, it-typewriter li kien juża, id-dizzjunarju ta' Dun Karm u diversi pubblikazzjonijiet dwar Dun Karm. Il-bust ta' Dun Karm fl-entratura tal-Bibljoteka Nazzjonali mhux biss qiegħed hemm biex jilqa' r-riċerkaturi u viżitaturi f'din il-binja Barokka, l-aħħar binja kkummissjonata mill-Ordni ta' San Ġwann, iżda qiegħed hemm ukoll biex ifakkarna li l-Poeta Nazzjonali kien librar li ħalla legat warajh f'dan is-settur. Dun Karm kien librar serju u dedikat, u ħadem bla rażan biex itejjeb is-servizz fil-libreriji, tant li fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tat-28 t'Ottubru 1936, insibu kliem ta' tifħir u ta' ringrazzjament lejn Dun Karm u

---

[46] Ara r-Rapporti Annwali ta' Malta Libraries: https://www.maltalibraries.gov.mt/iguana/www.main.cls?p=788374c8-8d6d-44d6-bd24-eb7a87b79d2c&v=e70665ae-3f91-4516-ae7a-76dfeb8e915a

[47] Malta Libraries, *Annual Report 2021* (Malta, 2022) 31.

unanimament il-Kumitat irringrazzja lil Dun Karm tax-xogħol siewi li wettaq bħala Assistent Librar u Direttur tal-Libreriji Distrettwali.[48]

[48] NLM, Vol.95, Minuti tal-Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv, 28 t'Ottubru 1936.

# Bibljografija

## Manuskritti, Sorsi Primarji u Rapporti tal-Gvern


1. Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta (NLM)
   a. Arkivju Intern
      i. NLM, Vol. 99, *Minutes of Proceedings of the Committee of Management of the Malta Public Library – 24th August 1923 to the 29th October 1937.*

   b. Faxxikli Interni
      i. MPI 778/24
      ii. MPI 875/24
      iii. MPI 263/25
      iv. MPI 671/26
      v. MPI 395/28
      vi. MPI 673/33
      vii. Libr. 1481/24
      viii. Libr. 129/25
      ix. Libr. 133/25
      x. Libr. 1784/28
      xi. Libr. 56/32
      xii. Libr. 97/25
      xiii. P92/25
      xiv. Psaila K., *Report on the District Libraries at the end of the Financial Year 1924-25* (23 ta' Settembru 1925)

xv. Dikjarazzjoni uffiċjali mill-Università ta' Malta għall-Pubblikazzjoni fil-Blue Book tal-1933 (10 ta' Jannar 1933)

c. Blue Books
   i. Malta Blue Book 1921
   ii. Malta Blue Book 1922
   iii. Malta Blue Book 1924
   iv. Malta Blue Book 1933

d. Malta Government Gazzette
   i. 1831
   ii. 1931
   iii. 1933

2. Rapporti Oħra
   a. Uffiċċju tal-Prim Ministru, *Public Service Management Code* (Malta, 2022)

**Sorsi Sekondarji u Siti Elettroniċi**

Abela A. E. u Zammit W., *A Guide to the National Library of Malta* (Malta, 2000)

Abela J., 'A.V. Laferla and education: a post-colonial approach', f'R. G. Sultana (ed.), *Yesterday's schools: readings in Maltese educational history* (Malta, 2017), 199-224.

Friggieri O., *Dun Karm: Il-Poeżiji Miġbura* (Malta, 1980)

Friggieri O., 'Dun Karm, the National Poet: A Lyric Interpretation of Life and Citizenship', f'*World Literature Today* (Winter, 1992) url: https://www.jstor.org/stale/40147855

Malta Libraries, *Annual Report 2021* (Malta, 2022)

Pirotta G. A., *The Maltese Public Service 1800-1940: The Administrative Politics of a Micro-State* (Malta, 1996)

Sant K., 'Il-Poeta Nazzjonali', f'*Leħen il-Malti* (Vol. 8, 1965), 8-12

Scicluna H. P., 'The Royal Malta Library and some of its treasures', f'*Library Association Record* (Vol. XL, n.9, 1938), 469-472

Sultana J. B., 'Il-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta u l-funzjoni tagħha', f'*Il-Pronostiku Malti* (1992), 147-159.



Il-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta



L-iskrivanija u t-typewriter ta' Dun Karm,
miżmuma fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta



Minutes of Proceedings
of the
Committee of Management
of the
Malta Public Library
(From the 24th Aug. 1923, to the 29th Oct. 1937)

Minuti tal-Laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Librerija
(NLM, Vol. 95)



Malta Public Library,
Valletta, 29th Dec. 1924.

Sir,

I have the honour to request that the necessary steps may be taken for the transmission of lit.516.50 to Salvatore Romano, (Piazza Cavour 15) Napoli, in settlement of annexed bill for 8 volumes of the Nuova Serie of the "Archivio Storico Napoletano", (1915-1922) and 3 vols. "Diario Napoletano" by De Nicola, C.

2. The cost to be charged to Vote 21 B.2. Purchase of Vols. to complete works in progress.

3. Corresponding Abstract and Voucher furnished herewith.

I have the honour to be,
Sir,
Your obedient servant,

C. Psaila (sd.)
a/Librarian.

The Honourable,
The Treasurer.

Ħlas dovut lil Salvatore Romano għax-xiri ta' 8 volumi tal-Archivio Storico Napolitano, 29 ta' Diċembru 1924 (Libr. 1481/24)



Malta Public Library

Valletta. 4th April, 1925.

Sir,

I have the honour to submit that a new "printed form", of which a draft model is enclosed herewith, is required for the Circulating Libraries.

This being a new item on the Government printed forms list, your authority for this purpose is hereby kindly requested.

I have the honour to be,

Sir,

Your obedient servant,

Mons. C. Psaila

Director Circ. Libr.

The Honourable,

The Minister for P.I.

Honble M.P.I.

Referred,

HBS

4.3.25

Talba biex jiġu stampati formoli ġodda għas-self tal-kotba mil-libreriji distrettwali, 4 t'April 1925 (Libr. 97/25)



Valletta Public Library,

7th. April, 1925.

Sir,

I have the honour to state that I have been asked by His Grace the Archbishop to be a member of a Special Committee in connexion with the repairs that are being made in St.Paul's church, ( Rabato ).

A copy of the Archbishop's Secretary's letter is enclosed herewith.

2. If any authority from the Government is required for my eventual compliance with the Archbishop's request, it is hereby very respectfully requested.

I have the honour to be,

Sir,

Your Obedient Servant,

Mons. C. Psaila

Asst. Librarian and

D. C. Librarian

The Honourable,

The Minister for P. I.

Dun Karm jinħatar membru fil-Kumitat tal-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat, 7 t'April 1925 (P 92/25)



Recommendations 1927-28

Malta Public Library
Valletta, 29th Sept. 1926.

Sir,

I have the honour to apply for Government Authority for the insertion in the Draft Estimates for the year 1927-28, the following recommendations unanimously approved by the Library Committee of Management, at their special Sitting of the 28th instant:-

a) The annual emolument of Miss M. Castaldi, the Writer of the Valletta Library, to be raised, without any further delay, to the maximum of £110;
b) The annual increment of the salary of the Book-Deliverers (£70-£90) to be raised from £2 to £3;
c) The salary of the Fatigueman which is 21/- p.w.- £55, to be raised to £67.

I have the honour to be,
Sir,
Your obedient servant,

Mons. C. Psaila (sd)
a/Librarian.

The Honourable,
The Minister for Public Instruction.

Ittra li Dun Karm kiteb lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika dwar il-pubblikjazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 1927-28, 29 ta' Settembru 1926



Vacation Leave.

M.P.I. 395/28.

Public Library Office.
9th July, 1928.

Sir,
I have the honour to forward and recommend an application for Vacation Leave from Mons. Carmelo Psaila, Assistant Librarian

2. Mons. C. Psaila is on the Non-Pensionable Establishment and is entitled, under the Regulations, to this leave on full pay.

3. The granting of this leave will not cause inconvenience to the Public Service, nor will it entail extra expenditure.

4. The Leave, if granted, will date from the 17th instant

5. ~~Mr. ——— also applies for permission to leave the Island.~~

I have the honour to be,
Sir,
Your obedient servant,

Permanent Head of Department.
Librarian

The Honourable,
The Minister for Public Instruction

| Approved | Noted | Noted |
|---|---|---|
| Minister | Librarian 11.7.28 Permanent Head of Department | 14.7.28 |

for Public Instruction
10/7/28

Applikazzjoni għall-vacation leave, 9 ta' Lulju 1928 (MPO 395/28)



# Draft Estimates for 1930-31.
## Public Library.

Malta.

| No of Persons 1929-30 | No of Persons 1930-31 | Details of Expenditure | Scale of Salary | Estimates 1930-31 | Approved Estimates 1929-30 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | £ | £ | £ |
| | | **I Annual Expenditure** | | | |
| | | A Personal Emoluments. | | | |
| 1 | 1 | 1st Librarian | 350 | 360 | 360 |
| 1 | 1 | 2. Assistant Librarian & Director of Circulating Libraries | 150-10-200 | 200 | 200 |
| 1 | 1 | 3a Writer | 120-5-150 | 130 | 125 |
| 1 | 1 | 4a Chief Deliverer of Books (a) | 90-3-100 | 96 | 93 |
| 2 | 2 | 5a Deliverers of Books | 70-3-90 | 155 | 161 |
| 1 | 1 | 6a Book-binder | ~~84~~ 66-2-76 | ~~84~~ | 76 |
| 3 | 3 | 7a Book-cleaners | 70-2-84 60-2-70 | 212 | 200 |
| 1 | 1 | 8g Fatigueman & Attendant | [illegible] | 73 | 61 |
| 1 | 1 | 9g Door-keeper | [illegible] | 70 | 61 |
| | | 10. Extra remuneration to Assistant Librarian as Director of Circulating Libraries | 20 | 20 | 20 |
| | | | | 1306 | 1347 |
| | | **B Other Charges.** | | | |
| | | 1. Purchase of Books etc for the Library | | 500 | 500 |
| | | 2. Purchase of Books etc. for other expenses for the Circulating Libraries | | 400 | 400 |
| | | 3. Uniforms | | 33 | 33 |
| | | 4. Stationery | | 25 | 95 |
| | | 5. Lighting, Electric C. & Water | | 10 | 8 |
| | | 6. Incidental Expenses including Lighting of Circulating Libraries | | 25 | 20 |
| | | 7. Repairs of Furniture | | 10 | 10 |
| | | 8. Binding & repairs of MSS. & Books, and materials and tools for | | 200 | |
| | | | | 1003 | 986 |
| | | Total Annual Expenditure | | ~~2339~~ | 2333 |

| II Extraordinary Expenditure | Estimates 1930-31 | Approved Estimates 1929-30 |
|---|---|---|
| | £ | £ |
| 1. Extra clerical work & other minor expenses in connexion with the compilation of Catalogues on the Card System. | 360 | 360 |
| 2. Furniture | 74 | 42 |
| 3. Binding of Books. | ~~[illegible]~~ | 100 |
| 4. Part Cost of Machinery & Materials for the Binding & Preservation of old MS. | – | 150 |
| 5. Commemorative Tablet to Gaetano Bruno | – | 20 |
| Total Extraordinary Expenditure | 434 | 672 |
| Total. | ~~[illegible]~~ 2943 | 3005 |

(sd) [illegible signature]
Librarian.

30th Sept 1929.

Abbozz tal-Estimi Finanzjarji tal-Libreriji għall-perjodu 1930-31



Malta Public Library,

Valletta, 22nd April, 1932

Sir,

With reference to Treasury Circular No.78 of the 13th instant, I beg to state that the Officer mentioned here-under has had an increase of salary on the approval of the General Estimates for 1932-33, as specified:-

| Name. | Office | Estim. 1931-32. | Estim. 1932-33. |
|---|---|---|---|
| Mons. C. Psaila | Asst. Librarian & Director of Circ. Libraries. | £150-£10-£200 & £20 remuneration as D.C.L | £180-£10-£230 |

The remuneration of £20 formerly enjoyed by this Officer as Director of Circulating Libraries has now been incorporated in his Emolument.

I have the honour to be,

Sir,

Your obedient servant,

(sd) Han. P Scicluna

Librarian.

The Honourable,

The Treasurer.

Żieda fil-paga ta' Dun Karm, 22 t'April 1932



Public Library, Valletta,

18th April, 1932.

Sir,

I have the honour to report that Mons. C. Psaila, who entered the Civil Service on the 1st June, 1921 and is at present employed as Asst. Librarian & Dir. Circ. Libr. Pensionable, Establishment at a yearly salary of £ 220 , has, by length of service, become entitled to an increment of £10 as from 1st April, 1932. to his present salary, in terms of the Regulations at present in force.

Monsignor Psaila's general character is, to the best of my knowledge, excellent; this Officer has always performed his duties with diligence & fidelity, has always been punctual in his attendance and has shown zeal in the good administration of the Department under my charge. He has also invariably performed work after office hours when requested to do so. I, therefore, consider him deserving of the above increment.

I have the honour to be,

Sir,

Your most obedient servant,

H. Scicluna

Librarian.

Rakkomandazzjoni mil-Librar Nazzjonali Hannibal Scicluna għal increment ta' £10 fis-sena fil-paga ta' Dun Karm, 18 t'April 1932

## GOVERNMENT NOTICES.

## NOTIFICAZIONI DI GOVERNO.

[No. 306.]

WITH reference to Section 667 of the Merchant Shipping Act, 1894, dealing with the prevention of false lights, it is hereby notified that it is not permissible to burn or exhibit any fire or light at such place or in such manner as to be liable to be mistaken for a light proceeding from a lighthouse. Any owner or person making use of any fire or light within the area of the lighthouses of these Islands shall forthwith take effectual means for extinguishing or effectually screening such fire or light.

Government Notice No. 273 of the 24th July, 1933, is hereby repealed.

11th August, 1933.

UGO P. MIFSUD,
Head of the Ministry.

IN referenza all'Articolo 667 del "Merchant Shipping Act, 1894", che tratta della prevenzione di fari falsi, colla presente si notifica che è proibito di accendere o esporre alcun fuoco o lume in tal luogo o maniera atto ad essere sbagliato per un lume proveniente da un faro. Qualunque proprietario o persona facente uso di un fuoco o lume entro l'area di uno dei fari in queste isole dovrà immediatamente prendere passi effettivi onde estinguere o coprire efficacemente tale fuoco o lume.

La Notificazione di Governo No. 273 del 24 luglio, 1933, è colla presente revocata.

11 agosto, 1933.

UGO P. MIFSUD,
Capo del Ministero.

[No. 307.]

IT is notified that Magistrate Francis Wirth, LL.D., has been appointed Visitor of Notarial Acts for the year 1933.

11th August, 1933.

SI rende noto che il Magistrato Francesco Wirth, LL.D., è stato nominato Visitatore degli Atti Notarili per l'anno 1933.

11 agosto, 1933.

[No. 308.]

IT is notified that Notary Edwin Pantalleresco, LL.D., has been appointed Keeper of the Acts and Registers of Notary Carlo Micallef De Caro and of the Acts and Registers of which the said Notary Micallef De Caro is Keeper during the latter's absence from the Island.

11th August, 1933.

UGO P. MIFSUD,
Minister for Justice.

SI rende noto che il Notaro Edwin Pantalleresco, LL.D., è stato nominato custode degli Atti e dei Registri del Notaro Micallef De Caro nonchè degli Atti e dei Registri di cui il predetto Notaro Micallef De Caro è custode durante l'assenza di costui dalla Isola.

11 agosto, 1933.

UGO P. MIFSUD,
Ministro di Giustizia.

[No. 309.]

LEAVE of absence having been granted to Hannibal P. Scicluna, Esq., L.P., His Excellency the Officer Administering the Government has been pleased to appoint the Most Reverend Monsignor Canon Carmelo Psaila to act as Librarian of the Valletta Public Library until further notice.

8th August, 1933.

ENRICO MIZZI,
Minister for Public Instruction.

ESSENDO stato accordato un permesso d'assenza al signor Hannibal P. Scicluna, P.L., Sua Eccellenza l'Ufficiale Amministrante il Governo si è compiaciuto di nominare il Revmo. Monsignor Canonico Carmelo Psaila ad agire da Bibliotecario della Biblioteca della Valletta fino nuovo avviso.

8 agosto, 1933.

ENRICO MIZZI,
Ministro dell'Istruzione Pubblica.

[No. 310.]

IN exercise of the powers vested in the Head of the Government by Article 11 of the Police Laws, His Excellency the Officer Administering the Government has been pleased to approve that the road from Porta Sant'Anna, Floriana, to Spencer Monument, Hamrun, be named "Via Nazionale".

11th August, 1933.

CARMELO MIFSUD BONNICI.
Minister for Police.

IN esercizio dei poteri conferiti al Capo del Governo coll'articolo 11 delle Leggi di Polizia, Sua Eccellenza l'Ufficiale Amministrante il Governo si è compiaciuto di approvare che la via da Porta Santa Anna, Floriana, al Monumento Spencer, Hamrun, sia chiamata "Via Nazionale".

11 agosto, 1933.

CARMELO MIFSUD BONNICI,
Ministro di Polizia.

Il-ħatra ta' Dun Karm bħala Aġent Librar kif ippubblikata f'Avviż Nru 309 tal-Gazzetta tal-Gvern, 11 t'Awwissu 1933



University of Malta,

Valletta, 10th January, 1933.

Br d 16.

For Blue Book.

The Rev, Mgr. C. Psaila during the financial year 1931-32 received £16.13.0 as Examiner in Italian Literature.

for Secretary.

Dikjarazzjoni ta' ħlas għal xogħol li Dun Karm għamel bħala eżaminatur, 10 ta' Jannar 1933



(1)

34j, Victoria Terrace, Sliema.

23rd. September, 1936.

Sir,

I beg to inform you that I shall be sixty-five years on the 17th. of October next: I should feel, therefore, much obliged, if you would allow me to retire on pension.

I have the honour to be,

Sir,

Your obedient servant,

Mons. C. Psaila

Asst. Librarian & Director of the B.C.L.

Talba uffiċjali ta' Dun Karm għall-irtirar mis-Servizz, 23 ta' Settembru 1936 (Libr. 73/36)



# PENSIONS, &c.

PARTICULARS required to be furnished in reference to persons recommended for pension, gratuity, compassionate allowance, or compassionate gratuity.

*(In filling up the paper refer to the Instructions on page 4.)*

1. Name of applicant **Monsignor Carmelo Psaila**
2. Office or situation **Assistant Librarian & Director of Circulating Libraries**
3. Recommended for **Pension**
4. Age **65** (Date of birth **17th October, 1871**)
5. Service in years and months **16 years, 16 days**
6. Salary or wages ( ) £ ----------------
7. Emoluments £ 230

Total amount of salary or wages and emoluments on which superannuation, &c., is claimed ... £ 230

8. Cause of retirement **Age limit**
9. Dates of commencement and termination of the several appointments held by applicant, with their emoluments, distinguishing salary from other allowances, and specifying such allowances.

| Title of Applicant | Date of commencement | Date of termination | Salary | Allowances, &c. | Nature of Allowances, &c. |
|---|---|---|---|---|---|
| Teacher, Religious Instruction Training School (E.S.D) | 1.10.20 | 31.5.21 | £25 p.a. | | (Vide, pl.133/1920 |
| Assistant Librarian (Non-Pensionable) | 1.6.21 | 31.3.24 | £150-£10-£200 | | |
| Assistant Librarian and Director Circ. Libraries | 1.4.24 | 31.3.32 | do. | £20 | (Post declared Pensionable by Govt.Notice 111 of 2.3.30 |
| do. do. | 1.4.32 | 16.10.36 | £180-£10-£230 | - | (Pensionable) |

K.
Sr. 5. 32.

Applikazzjoni għall-Pensjoni ta' Dun Karm
(Libr. 73/36)



11 The Honble Prof. Galea, seconded by Prof. Laurenza, moved that ~~Monsignor Psaila's~~ it was the wish of the Library Committee to put on record the valuable services rendered by Monsignor Psaila and that a vote of thanks should also be passed.

The vote was unanimously carried out with an expression that Monsignor Psaila may long enjoy the coveted rest and a hope that he would continue to interest himself in the work of the Library. Monsignor Psaila, deeply touched, thanked all present for their kind expressions & good wishes.

The meeting was then adjourned sine die.

[illegible]
Chairman.

Wednesday, 28th. October, 1936
at 10 am.

Minuti tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Librerija,
28 t'Ottubru 1936 (NLM, Vol. 95)

ISBN: 978-9918-0-0416-4
9 789918 004164